**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 7 ta' Dicembru 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Brian Xuereb)**

**(Spettur Keith Xerri)**

**Vs**

**OMER ABDELLA SALIH**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Omer Abdella Salih**, detentur ta\` Refcom no. 26611 u Police no. 19J178, fejn gie akkuzat talli nhar is- 6 ta\` Dicembru 2022, bejn il-ħinijiet ta' 08:30hrs u 09:30hrs, gewwa Vjal Portomaso, San Giljan u/jew f' dawn il-gżejjer;

1. Ikkometta serq ta' żewġt mobiles liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Joseph Muscat u/jew persuni u/jew entitajiet oħra

2. Ukoll talli ghamel reat iehor waqt li kien qieghed taħt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li ingħatat lilu nhar il-5 ta' Novembru 2022 mill-Magistrat Dr. Nadine Lia LLD.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi għext ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ. Art.338(w) Kap.9

Il-Qorti hija gentilment mitluba li titratta lill-imputat bhala recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tallum stess, esebit bhala Dok BX 6.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fis-sanzjoni.

Qieset li nvista ta' din d-dikjarzzjoni ta' l-imputat, il-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex iktar provi x'tipproduci.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena;

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta' piena applikabbli, din il-Qorti qed tqis fuq kollox l-ammissjoni bikrija ta` l-imputat, izda wkoll il-fattur tar-recidivita`.

**KONKLUZJONI.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261(c), 267, 279(a), 28A, 28B, 338(w), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati, bhala recidiv, fuq ammissjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu tieghu u tghaddi ghas-sanzjoni bil-mod segwenti** :

**A. fuq l-ewwel (1) imputazzjoni u t-tielet (3) imputazzjoni, tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija;**

**B.** Dwar l-imputazzjoni numru (2), tordna li jidhlu immedjatament fis-sehh il-hames **(5) xhur prigunerija,** peress li kiser is-sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu fil-5 ta' Novembru 2022 (per Magistrat Dr. Nadine Lia).

**Total ghalhekk ta` hdax-il (11) xahar prigunerija**.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur